*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,685, 10 ta' Diċembru, 2010*

*Taqsima B*

**A.L. 521 tal-2010**

**ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 504)**

**Regolamenti ta' l-2010 dwar il-Kummissjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (Tipi ta' Applikazzjonijiet)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 ta' l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 dwar il-Kummissjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (Tipi ta' Applikazzjonijiet).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru, 2010.

Tipi ta' applikazzjonijet li għandhom jiġu trattati mill-Fergħat tal-Kummissjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar..

**2.** (1) Il-Fergħat A u B tal-Kummissjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar għandhom jittrattaw applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp differenti kif speċifikat fis-subregolamenti (2) u (3) ta' dan ir-regolament.

(2) Il-Fergħa A tal-Kummissjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar għandha tittratta dawn it-tipi li ġejjin ta' applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp:

(a) lukandi, inklużi estensjonijiet u żidiet;

(b) proġetti sportivi u proġetti ta' divertiment b' postijiet bil-qegħda għal aktar minn 200 persuna;

(ċ) proġetti kummerċjali b'area ta' sit ta' mill-anqas 750m2 u b' area ta' paviment totali ta' mhux anqas minn 3,000m2;

(d) kull użu industrijali jew magażżinaġġ industrijali b'area ta' sit ta' mill-anqas 1,000m2 u b'area ta' paviment totali ta' mhux anqas minn 4,000m2;

(e) sptarijiet;

(f) skejjel, inklużi estensjonijiet u żidiet ma' dawk l-iskejjel;

(ġ) impjanti għar-rimi ta' skart, impjanti għat-trattament ta' dranaġġ u impjanti ta' riċiklaġġ;

(ħ) proġetti residenzjali li jifformaw parti minn kumpless wieħed li jkollu mhux anqas minn 30 *unit* residenzjali u proġetti għad-djar għal għanijiet soċjali jew pubbliċi;

(i) proġetti li jaqgħu f'area ta' *brief* dwar l-iżvilupp jew f' area identifikata fi pjan lokali għall-preparazzjoni ta' *brief* dwar l-iżvilupp;

(j) proġetti dwar l-avjazzjoni u proġetti marittimi;

(k) xogħlijiet ta' portijiet;

(l) proġetti ta' infrastruttura u servizzi utilitarji;

(m) faċilitajiet ghat-trasport pubbliku u skemi ta' maniġġar tat-traffiku;

(n) proġetti dwar is-saħħa pubblika;

(o) tisbiħ ta' arei pubbliċi;

(p) ċentri għall-komunita` ;

(q) faċilitajiet għall-edukazzjoni pubblika;

(r) djar għall-anzjani u istituzzjonijiet ta' kura;

(s) postijiet ta' qima pubblika;

(t) ċentri ta' distribuzzjoni fuq skala kbira;

(u) mużewijiet pubbliċi;

(v) faċilitajiet ta' telekomunikazzjoni;

(w) żvilupp li jkun propost li jsir 'l barra minn żoni ta' l-iżvilupp;

(x) żvilupp li jkun propost li jsir f'*white area* li, għalkemm f' żona ta' żvilupp, ma jkollha l-ebda indikazzjoni speċifika għal zvilupp;

(z) żvilupp li jkun propost li jsir f'area regolata minn kundizzjonijiet u zoning għall-vilel jew ġewwa *design priority area*;

(ż) żvilupp li jkun propost li jsir f' area regolata minn kundizzjonijiet u zoning għall-*bungalows*;

(aa) żvilupp propost ġewwa l-konfini ta' area ta' konservazzjoni urbana, jew ġewwa l-konfini tal-qalba tar-raħal; u

(bb) applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp oħra li ma humiex indikati f' xi waħda mill-iżviluppi elenkati fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament;

(cc) applikazzjonijiet magħmulin skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, jew l-artikolu 59 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Kap. 356.

(3) Minbarra fir-rigward ta' żvilupp propost ġewwa l-konfini ta' area ta' konservazzjoni urbana jew ġewwa l-konfini tal-qalba tar-raħal, jew elenkat f'xi wieħed mill-iżviluppi kif imfissra fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, il-Fergħa B tal-Kummissjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar għandha tittratta dawn it-tipi li ġejjin ta' applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp:

(a) żvilupp propost li jsir f' area mibnija jew li jolqot bini eżistenti sitwat fil-konfini ta' żona ta' żvilupp;

(b) żvilupp propost li jsir ġewwa *zoning* għal *terraced houses*;

(ċ) żvilupp fi skemi tal-gvern biex iħajjar persuni jsiru sid darhom.

Jirrevoka A.L. 86 tal-2002.

**3.** Ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp (Tipi ta' Applikazzjonijiet), huma b'dawn revokati.

**L.N. 521 of 2010**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

### Environment and Planning Commission (Types of Applications) Regulations, 2010

BY VIRTUE of the powers conferred by article 61 of the Environment and Development Planning Act, the Prime Minister, after having consulted the Malta Environment and Planning Authority, has made the following regulations:

Title and commencement.

**1.** (1) The title of these regulations is the Environment and Planning Commission (Types of Applications) Regulations, 2010.

(2) These regulations shall come into force on the 14th December, 2010.

Types of applications to be dealt with by the Divisions of the Environment and Planning Commission.

**2.** (1) Divisions A and B of the Environment and Planning Commission shall deal with different types of development permission applications as specified in sub-regulations (2) and (3) of this regulation.

(2) Division A of the Environment and Planning Commission shall deal with the following types of development permission applications:

(a) hotels, including extensions and additions;

(b) sports and entertainment projects with a seating capacity for more than 200 persons;

(c) commercial projects with minimum site area of 750m2 and with total floor space area of not less than 3,000m2 ;

(d) any industrial use or warehousing with a minimum site area of 1,000m2 and with total minimum floor space area of not less than 4, 000m2;

(e) hospitals;

(f) schools, including extensions and additions to such schools;

(g) waste, disposal, sewage treatment and recycling plants;

(h) residential projects which form part of one complex having not less than 30 residential units and social or public housing projects;

(i) projects which fall within a development brief area or within an area identified by a local plan for the preparation of a development brief;

(j) aviation and maritime projects;

(k) harbour works;

(l) infrastructure and utilities projects;

(m) public transport facilities and traffic management schemes;

(n) public health projects;

(o) embellishment of public areas;

(p) community centres;

(q) public education facilities;

(r) old people's homes and caring institutions:

(s) places of public worship:

(t) large scale distribution centres;

(u) public museums;

(v) telecommunication facilities;

(w) development proposed to be located outside development zones;

(x) development proposed to be located in a white area

which, although being located within a development zone, has no specific designation for development;

(y) development proposed to be located in an area regulated by villa zoning and conditions or within a design priority area;

(z) development proposed to be located in an area regulated by bungalow zoning and conditions;

(aa) development proposed within an urban conservation area boundary, or village core boundary;

(bb) other development permission applications which are not covered by any of the developments listed in sub-regulation (3) of this regulation;

(cc) applications submitted in accordance with the provisions of article 28 of the Development Planning Act or article 59 of the Environment and Development Planning Act. Cap. 356.

(3) Except for development proposed within an urban conservation area boundary or village core boundary, or listed in any of the developments described in sub-regulation (2) of this regulation, Division B of the Environment and Planning Commission shall deal with the following types of development permission applications:

(a) development located within an existing built up area or affecting an existing building located within a development zone boundary;

(b) development proposed to be located within terraced house zoning; and

(c) development in home ownership schemes.

**3.** The Development Control Commission (Types of Applications) Regulations, 2002 are hereby revoked. Revokes L.N. 86 of 2002.

VERŻJONI ELETTRONIKA

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.37**